MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 883/2003

**Muscats Motors Limited**

**vs**

**Kenneth Grech u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2003 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem 'Kenneth Grech' ghandhom jizdiedu l-kliem 'Vanessa Grech mart Kenneth'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmenin lira maltin (Lm480.00) rapprezentanti bilanc dovut fuq kambjala minnu accettata u ffirmata u li kopja taghha giet annessa mal-avviz.

Bl-imghaxijiet kontra l-koonvenut mit-12 ta' Dicembru 2000 meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra d-digriet tad-19 ta' Settembru 2003 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi wara l-kliem 'Kenneth Grech' ghandhom jizdiedu l-kliem 'Vanessa Grec mart Kenneth'.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhalasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmenin lira maltin (Lm180.00 ), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------